8 ta' Diċembru 2015
139/2015

**L-ARĊISQOF JILTAQA' MAL-KOPPJI MIŻŻEWĠA, MAL-GĦARAJJES U MAL-FAMILJI**

**Data: It-Tlieta, 8 ta' Diċembru 2015**

Post: Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta

Ħin: 5.30 p.m.

Illum, it-Tlieta, 8 ta' Diċembru 2015, l-Arċisqof Charles J. Scicluna ser jiċċelebra Quddiesa għal dawk il-koppji li żżewġu matul l-2015. Din iċ-ċelebrazzjoni se ssir fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, u tibda fil-5:30 p.m. Wara l-Quddiesa, l-Arċisqof jiltaqa' personalment mal-koppji miżżewġa.

L-Arċisqof ser jiltaqa' wkoll mal-koppji għarajjes li ser jiżżewġu s-sena d-dieħla. Din il-Quddiesa se ssir nhar **is-Sibt, 19 ta' Diċembru 2015,** fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa tibda fil-5:30 p.m. Dakinhar ukoll, l-Arċisqof jiltaqa' personalment mal-koppji.

Fl-okkażjoni tal-festa tal-Familja Mqaddsa, **is-Sibt, 26 ta' Diċembru 2015,** l-Arċisqof ser jiċċelebra Quddiesa għall-koppji u għall-familji. Il-Quddiesa se ssir fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt, Valletta, u tibda fil-5:30 p.m.

Dawn it-tliet ċelebrazzjonijiet huma organizzati mill-Moviment ta' Kana.